FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

# GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL- HAMIS 22 TA' NOVEMBRU, 2001

**Numru: 13**

**Avviz Nru: 550/01 JB**

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Jacqueline Delicata**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' (Lm221.40c) mitejn u wiehed u ghoxrin liri Maltin u erbghin centezmi rappresentanti danni kkagunati minnha fuq arblu tad-dawl propjeta tal-Korporazzjoni attrici nhar it-12 ta' Settembru, 1999 quddiem l-Lister Barracks – Hal Far.

Bl-ispejjes komprisi dawk tal-ittra ufficjali tal- 15 ta' Marzu 2001, bl-imghaxijiet legali dekorribli mid-data ta' l-istess ittra u bil-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li t-Tribunal ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha eceppiet li d-danni reklamati mhux dovuti; u fi kwalunkwe kaz huma esagerati.

Illi jirrizulta li l-arblu ta' l-elettriku in kwistjoni kien ser jitnehha fil-futur immedjat stante li ser tinfetah triq gdida fil-lokalita in kwistjoni u in vista tal-fatt li huwa principju baziku tal-gurisprudenza Maltija li wiehed ghandu jimminimizza d-danni u ghalhekk il-konvenuta ma ghandhiex tbati spejjez eccessivi u inutli.

Sema x-xhieda

Jirrizulta li mix-xhieda ta' Anthony Farrugia tat- 8 ta' Novembru, 2001 illi l-pilastru li ntlaqat fl-incident kien ser jinqala minn fejn kien u ma kienx ser jintuza aktar. Ghaliex kien ser jitwahhal minfloku iehor ta' sitt pulzieri mhux bhal dak odjern ta' tlett pulzieri u jitpogga band ohra. Dak tat- tlett pulzieri ma kienx ser jintuza aktar izda jitqatta ghall-hadid.

Illi jigi rilevat li l-principju huwa risarciment ta' danni materjali f' oggett ta' rimpjazzament w utilita tal-pilastru milli li jerga' jintuza, mhux jintrema. Irrid ikun attwali u reali.

Illi t-talba attrici mhux talli mhux wahda legali izda ngusta wkoll u dan il-kaz ma messhu qatt spicca f' dan il- forum.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**